KUNSILL LOKALI MQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt

Minuti tas-seduta numru tmienja u erbgħin (48) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' April, 2010, fis-6:40pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku, Noel Galea ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-minuti tas-seduta numru sebgħa u erbgħin (47) kienu meħuda moqrija, korretti, approvati u ffirmati.

3. Dwar il-każ ta' parkeġġ fil-viċinanza ta' *garage* fi Triq il-Fjuri, is-sindku informa lill-kunsillieri illi rċevejna ittra bl-avukat mingħand il-Familja Bondin fejn dawn qiegħdin uffiċjalment jitolbu sabiex jitwalu l-linji s-sofor biex ma jkunx jista' jsir parkeġġ. Hu qara din l-ittra lill-kunsillieri. Sadanittant, l-istess familja ġiet tkellem ukoll lis-segretarju eżekuttiv dwar din it-talba tagħhom, u s-sindku qal li ġaladarba imxejna skond l-ispeċifikazzjonijiet, se nwieġbu f'dan il-kuntest permezz tal-avukat.

4. Dwar il-*financial statements* ta' għeluq is-sena 2009, Nicholas Briffa qal li ġaladarba l-udituri mhux qed jaqblu anke saħansitra fl-*opening balances*, ta' min isejjeħ *reconciliation meeting* bejn il-kumpanija *Grant Thornton* u Dr Cassar biex dawn iqabblu l-istess figuri. Dwar dan, ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni peress li issa l-*accounts* tal-kunsill waqgħu lura b'erba' xhur. Hawn il-laqgħa kompliet billi ssemma x-xogħol li żdied fl-uffiċċju. Noel Galea qal illi għada pitgħada, il-*part time clerk* Mersia Mackay, jinħtieġ li tiġi *full time* għaliex qed jiġu affarijiet bil-gzuz mid-dipartimenti u entitajiet kollha tal-gvern u dawn kollha jinħtieġ li jiġu analizzati, u f'każ li jkunu ta' prijorità, jinħtieġ illi naġixxu dwarhom. Nicholas Briffa offra li jagħti sehmu sabiex jgħin fiż-żamma tal-kotba tal-kunsill. Għal dan il-ġest is-sindku irringrazzjah u s-segretarju eżekuttiv se jgħaddilu l-informazzjoni kollha li jkun jinħtieġ biex ma naqgħux lura, u nsolvu d-diffikultà tal-*financial statements*.

5. Dwar il-kuntratt tal-*pv system* għal fuq il-bejt tal-Isptar il-Qadim, tlabna l-Inġinier Albert Ellul jikkonfermalna jekk nistgħux immexxu dwar l-aktar waħda rħisa li hija konformi mal-ispeċifikazzjonijiet li ntalbu mill-kunsill, peress li dawk orħos minnha li kienu sottomessi, instab li għad m'hemmx ċertifikat tal-manifattur ta' konformità mal-i*specs*. Dawn huma dejjem tal-*Alberta Fire and Security*.

6. Dwar il-kuntratt ma' *Asfaltar Ltd*, is-sindku qal li dan irranġajnih u se jkun ċirkulat lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma li jirriżulta li se jagħtuna xi emenda. Dan il-kuntratt jittratta dwar il-pagamenti li se jkun imħallas il-kuntrattur fuq medda ta' erba' snin minn mindu jitlestew ix-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq kollha bit-tarmak.

7. Dwar il-*cable* taħt il-wiċċ tat-triq mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta fl-inħawi ta' Triq Valletta, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri u Triq il-Ħarriġiet, is-sindku tkellem fuq ir-*reinstatement* tiegħu. Hu qal li bl-*overlap* sostanzjali fuq kull naħa tal-gandott, kif ukoll l-*extensive patching* imsemmi fil-laqgħat preċedenti fl-istess inħawi, se jammontaw għal 40,000 metru kwadru ta' tarmak fl-Imqabba.

8. Hawn xi kunsillieri pproponew li wasal iż-żmien li jitpoġġew *speed cameras* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija biex inrażżnu s-sewqan esaġerat li qed ikun hemm. Dan qed iwassal għal periklu serju għall-*pedestrians* u x-xufiera.

9. Dwar il-proposti korsijiet tal-*computer* fl-Isptar il-Qadim, se naraw jekk hux possibbli li dawn il-korsijiet jinkludux ukoll lezzjonijiet li jwasslu għall-*ECDL* kif ukoll għall-*Internet*. Għaldaqstant se jkun hemm bżonn linja telefonika fl-Isptar il-Qadim li l-kunsill diġà applika għaliha.

10. Is-sindku fakkar lill-kunsillieri biex jattendu għal-laqgħa proposta mill-KLM mar-rappreżenti tal-każini tal-banda, nhar id-29 ta' April, 2010 biex niddiskutu dwar il-possibilità li ddoqq banda waħda komposta miż-żewġ każini fis-serata li issa qed tinżamm fl-Iskola Primarja Mqabba li fiha jingħata Ġieħ l-Imqabba.

11. Dwar il-ftuħ tal-uffiċċju tal-*customer care* fis-sular t'isfel nhar l-Erbgħa, 5 ta' Mejju, 2010, il-kunsill jinsab imħejji għal dan l-avveniment. Infatti illum inbidel il-ħin u dan se jkun rifless fl-inviti. Is-sindku ppreżenta lista ta' persuni li xtaq li jkunu mistiedna fosthom il-librara, il-Kap tal-Iskola, il-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, is-sindku u l-kunsillieri taż-Żebbuġ Għawdex, l-kuntrattur li forna l-għamara, Karmnu Ellul, l-Aġent Direttur Gvern Lokali, il-President tar-Reġjun (AKL), lil Dr Toni Abela, Onor S Buontempo, Onor Edwin Vassallo, il-*Manager Asfaltar Ltd*, lill-Kap tal-*MEUSAC*, Dr Vanni Xuereb, Sharon Farrugia u Maria Schembri. Hu staqsa jekk l-eks kunsillieri għandhomx jiġu mistiedna. Il-viċi sindku u Paul Spiteri qalu li l-eks-Sindku, Emanuel Buttigieg dejjem ġie meta kien jiflaħ għall-attivitajiet kollha. Is-sindku qabel li s-Sur Buttigieg dejjem attenda u persważ li jattendi din ukoll. Ġie deċiż li jiġu mistiedna l-eks kunsillieri wkoll.

12. L-ewwel ħarġa tal-fuljett "Fuq l-Għatba tal-Kunsill" tqassmet minn Mersia Mackay permezz ta' *overtime*, ftit tal-jiem ilu u kien hemm kummenti mill-kunsillieri dwar l-aħħar paġna. Hawn intqal illi kwart tal-fuljett kien mimli b'materjal divertenti u gastronomija u mhux relatat mal-attività tal-kunsill. Għaldaqstant wieħed għandu jirrevedi l-format ħalli dan il-fuljett verament ikun wieħed informattiv bħalma kien isir qabel. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu ma kienx involut fil-format ta' dan il-fuljett u jaqbel perfettament mal-kummenti tal-kunsillieri. Is-sindku rrimarka li għalkemm dan kien għad-dispożizzjoni ta' kulħadd qabel ma ġie stampat, l-*issue* li jmiss ser innaqsu dan l-ispazju b'nofs, hekk li tidħol aktar informazzjoni dwar dak li sar fl-Imqabba.

13. Kollox jinsab imħejji sabiex issa jsiru *posters* kbar ħafna għall-Pjazza tal-Knisja magħquda folja folja flimkien mill-iskrivani biex inħeġġu n-nies japplikaw ħalli jiġu magħna ħarġa fil-gżira Għawdxija. Din se sseħħ nhar is-26 ta' Mejju, 2010 bit-tluq mill-istess pjazza fis-7:00am.

14. Hekk li issa ġew approvati l-minuti tas-seduta preċedenti, fejn jidher li l-KLM iddeċieda li jiftaħ kont tal-bank *savings* għal sitt xhur mal-*BOV*, dawn se jkunu jistgħu jiġu ppreżentati lill-*Manager* tal-Bank mal-formularju li huwa diġà ffirmat. F'dan il-kont ser niddepożitaw €7,000 fix-xahar għat-toroq.

15. Is-sindku qal li l-programm ta' attivitajiet sportivi li se jkun varat dalwaqt mill-KLM u l-Kunsill Malti għall-Isport (KMS), se jibda fl-aħħar ġimgħa ta' Ġunju 2010 ħalli sadanittant isir ix-xogħol u jitneħħa l-*hoarding* fil-*ground* tal-iskola, peress li dan kien waqa' f'barriera. Din l-attività se tieqaf fil-jiem sħan tas-sajf, imbgħad inkomplu f'Settembru 2010.

16. Inqrat ir-riżoluzzjoni ta' aċċettazzjoni mressqa mis-sindku u sekondata mill-viċi sindku dwar il-patt ta' ħbiberija li hu antiċipat li jkun iffirmat għada fil-lokalità taż-Żebbuġ Għawdex bejn il-KLM u din il-lokalità. Is-sindku qal li jinħtieġ li l-kunsillieri jaqbdu l-vapur tas-6:00pm miċ-Ċirkewwa, għaldaqstant irridu nitilqu fl-4.45pm mill-Imqabba. Bħala preżentazzjoni, is-sindku issuġġerixxa li tingħata skultura fil-ġebel li tissimbolizza par idejn magħquda flimkien. Ix-xogħol tas-Sur Anton Farrugia kien approvat.

17. Dwar is-suċċess li kellhom is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V bir-rebħ tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art fil-Festa ta' San Publiku l-Furjana, organizzat mill-Kunsill Lokali Floriana, il-KLM iddeċieda illi jibgħat ittra ta' awgurju /apprezzament lil dan il-każin kif ukoll jingħata *token* ta' tifkira.

18. Paul Spiteri semma l-possibilità illi l-KLM jospita konferenza internazzjonali tal-*Food Law Enforcers* (*FLEP*). Se naraw jekk għadx hemm il-possibilità li l-KLM jingħata fondi mill-Gvern Ċentrali talli jkun hu l-organizzatur ta' din il-konferenza.

19. Ġew approvati l-*Payment Approval Sheets* numru 375 u 376.

20. F'punti oħra s-sindku semma l-proposta li saret biex il-parkeġġ fi Triq l-Aħwa Ghigo jkun għar-residenti biss. Ir-risposta li ngħatajna minn Transport Malta (TM) kienet illi jrid isir *traffic manangement* għaż-żona kollha u mhux f'din it-triq waħidha kif ukoll li Transport Malta mhux qed toħroġ permessi għal *residential parking*.

21. Il-kumpanija *Faces Displays* infurmatna li daħlulha *bus shelters* ġodda (tal-ħġieġ). Il-KLM għad fadallu wieħed x'jinbidel li jinsab fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u li konna applikajna għalih saħansitra mal-*MEPA* diversi snin ilu. Wara żjara li saret mis-segretarju eżekuttiv ma' rappreżentant ta' din il-kumpanija, dawn tawna l-istruzzjonjiet biex nipproċedu bit-tpoġġija ta' rampi u bankini ħalli mbagħad jidħlu huma billi jagħmlu pjattaforma tal-konkos bħala bażi għal dan il-*bus shelter*. Nicholas Briffa qal li fil-passat inqalgħet problema mir-residenti li għandhom il-*garage* fis-*service road* biex joqogħdu attenti bil-*platform* li ma toħroġx ħafna 'l barra, però s-segretarju eżekuttiv qal li rridu nimxu mal-permessi tal-*MEPA*. Is-sindku rrefera għall-pjanti li kien għamlilna dak iż-żmien il-Perit Robert Musumeci. Dan ix-xogħol hu antiċipat li jsir mid-Dipartiment tad-Distretti (Tar-Robba) fi ħdan it-Taqsima tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Is-sindku qal illi dawn se jkunu impenjati wkoll illi jibdlu l-kurduna tas-*central strip* wara li se jinqalgħu s-siġar kollha minnha li m'humiex endemiċi. Dwar dan se nkellmu lill-kuntrattur *Environmental Landscapes Consortium Ltd. (ELC)* biex niddiskutu dwar il-palma li hemm kif ukoll żebbuġa li se tibqa' fil-post għaliex f'din is-*central strip* se jitħawwel biss żebbuġ.

22. Is-sindku qal li fl-inħawi taċ-Ċimiterju fejn hemm il-*bring-in-site* qed ikun hemm mandra sħiħa. Dan għaliex jirriżulta illi minn din it-triq qed jgħaddu wkoll ħafna barranin peress li Triq Valletta Żurrieq magħluqa minħabba li din preżentement qed issirlha manutenzjoni estensiva. Dan qed iwassal sabiex kull min qed jgħaddi minn Triq Ħal Kirkop qed jarmi materjal mhux riċiklabbli biswit il-*bring-in-site*. Is-sindku ssuġġerixxa li konteninturi iżgħar simili jiċċaqilqu għal Triq il-Ħajt tal-Matla. Dwar dan ma kienx hemm qbil mill-kunsillieri l-oħra peress li issa jekk iseħħ dan ikollhom jersqu aktar qrib l-abitat.

23. Grace Marie Mallia f’dan il-waqt semmiet il-kampanja edukattiva li hija miftiehma mal-kuntrattur tal-KLM, *Greenpak*. Hija qalet illi dawn ukoll wiegħdu li lin-nies se nagħtuhom boroż b’xejn biex jibdew jisseparaw aktar skart ħalli joħorġuhom nhar ta’ Tlieta għall-kollezzjoni. Is-sindku qal li kellem lil dan il-kuntrattur għal dan ir-rigward u fil-ġranet li ġejjin għandhom jiltaqgħu sabiex jiddiskutu l-kampanja edukattiva fl-Imqabba.

24. Grace Marie Mallia staqsiet jekk hux se jsir xi ħaġa biex tittaffa l-problema tal-ilma tax-xita li qed jinġema fi Sqaq il-Lanġasa. Hawn is-sindku qal li se jara jekk jistax jagħmel xi ħaġa mingħajr wisq spejjeż peress li din it-triq hija pavimentata kif ukoll li l-problema mhix faċli li teħles minnha għal kollox.

25. Il-laqgħa ntemmet fit-8:35pm u dik li jmiss se tinżamm nhar il-11 ta’ Mejju, 2010 fis-6:30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*11 /05 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |